**22 ta' Ottubru, 1998**

**Imħallef:-**

**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Leslie Causon *noe*

*versus*

Godwin Abela *noe*

**Danni - Merkanzija - *Gate Pass Out***

*L-assikurazzjoni ssurrogata aġixxiet biex tirkupra danni f'vettura. Ġie ribadit illi l-*Gate Pass Out *għalkemm prova importanti tista' xorta waħda tiġi kkontestata. F'dan il-każ ma ngħabet ebda prova kuntrarja u għalhekk il-Qorti ta' l-Appell ikkonfermat is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti fejn laqgħet it-talbiet attriċi.*

Il-Qorti:-

Dan huwa appell minn sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) mogħtija fis-6 ta' Ottubru, 1997 f'din il-kawża, liema sentenza taqra kif ġej:

"Il-Qorti:-

Rat l-avviż ippreżentat mill-attur fis-16 ta' Novembru, 1993 fejn talab lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut *nomine* li jħallas is-somma ta' Lm85 rappreżentanti ħsara kkawżata fuq karozza Volvo li ġiet impurtata mill-assigurat ta' l-attur li waslet Malta abbord il-vapur Sloman Record fil-21 ta'

Novembru, 1992. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut li nġunt għas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenut *nomine* fejn eċċepixxa bir-rispett *illi* t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż stante li s-soċjetà The Cargo Handling Co. Ltd., ikonsenjat il-merkanzija u qdiet il-funzjonijiet kollha bid-diliġenza rikjesta minnhom mil-liġi;

*Illi* fit-tieni lok u bla preġudizzju għall-premess l-allegat danni huma għal kollox esaġerati;

*Illi* fit-tielet lok u bla preġudizzju għall-premess għandha tiġi ppruvata l-allegata surroga;

Illi fir-raba' lok u bla preġudizzju għall-premess, għandha ssir prova, kif, meta u minn min sar l-allegat ħlas ta' l-allegati danni;

Illi fil-ħames lok u bla preġudizzju *għall-premess*, l-interessi jiddekorru mid-data ta' l-avviż stante li si tratta dwar kawża ta' *danni* (*sentenza ta'* l-Appell, *Sede Kummerċjali*, deċiża fis-6 ta' April, 1992 - Ċitaz nru. 112/88, **Dr. Robert Staines u Walter Camilleri** ***vs*** **Chev. Silvio Mifsud, Godwin Abela u John Cavallo**);

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet ulterjuri *tal-konvenut* ippreżentati fl-24 ta' Mejju, 1994 fejn eċċepixxa illi bla preġudizzju għall-eċċezzjonijiet ġà ssollevati, din il-Qorti hija nkompetenti *ratione materiae* stante li hawn si tratta ta' materja ta' assikurazzjoni marittima li taqa' taħt il-kompetenza esklussiva tal-Qorti tal-Kummerċ *ai termini* ta' l-artikolu 38 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u skond is-sentenza **Noel Ellul** ***nomine vs*** **David Jones u Godwin Abela**, *deċiża fil-Qorti ta'* l-

Appell Inferjuri, fit-22 ta' April, 1992, Avviż numru 1128/92 GV;

Rat is-sentenza tagħha *in parte* tat-23 ta' Mejju, 1996 fejn iddisponiet mill-eċċezzjoni ulterjuri ta' l-24 ta' Mejju, 1994 u ordnat il-prosegwiment tal-kawża;

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament;

Rat l-atti kollha tal-proċess;

Ikkunsidrat:

Illi rriżulta mill-provi illi fil-21 ta' Novembru, 1992, waslet Malta karozza Volvo proprjetà tad-ditta C.B. Motors abbord il-vapur Sloman Record. Meta l-karozza *tniżżlet minn* fuq il-vapur ġiet eżaminata minn Martin Borg tad-ditta Sullivan Shipping li pprepara t-*tally sheet* esebita b'nota tal-11 ta' Ottubru, 1996. Borg qal li eżamina l-karozza hekk kif tniżżlet fuq il-moll u ma niżżel ebda rimarka dwarha. Saret ukoll *joint tally sheet* (ara xhieda Peter Bonello) fejn tidher din il-karozza ukoll bla ebda rimarka. Wara l-iffirmar ta' dan id-dokument il-karozza għaddiet f'idejn il-kumpannija Cargo *Handling li* stivata f'Laboratory Wharf. Fit-23 ta' Novembru, 1992, waqt li l-karozza kienet għada fil-pussess tal-Cargo Handling ġiet spezzjonata minn Wilfred Fenech, *surveyor* u Vincent Aquilina, impjegat tad-ditta importatriċi, fejn irriskontraw brix fuq quddiem u fuq il-*bumpers* ta' wara u fuq in-naħa tal-bieb tad-*driver*. Fl-istess data, il-karozza ġiet irrilaxxjata mill-Cargo Handling u saret il-*gate pass out* numru A054371. Fuq dan id-dokument ma hemm l-ebda rimarka;

Ikkunsidrat:

*Illi fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom il-konvenuti* bbażaw ħafna mill-argumenti tagħhom fuq il-fatt li l-*gate pass out* ġie rrilaxxjat *clean* u kkwotaw diversi sentenzi biex juru l-importanza ta' dan id-dokument;

Din il-Qorti tirrikonoxxi l-validità ta' dawn is-sentenzi u ma hemmx dubbju li l-*gate pass out* huwa prova *prima facie* tal-kontenut tagħha, f'dan il-każ, li l-karozza ġiet rilaxxjata in *good order and condition*. Iżda bħal kwalunkwe prova oħra dina tista' tiġi ribattuta bi provi oħra li jistgħu jerfgħu piż akbar minn dan id-dokument. F'dan il-każ, għandna x-xhieda ta' żewġ persuni li raw il-ħsara wara li l-karozza ġiet żbarkata minn fuq il-vapur iżda qabel ma ġiet ikkonsenjata lill-importatur;

*Jidher li sakemm il-karozza kienet għadha fuq il-vapur* dina ma kellha l-ebda ħsara. It-*tally sheet* hija bla rimarka u din darba tkun magħmula minn *tally clerk* awtorizzat skond il-liġi hija prova tal-kontenut tagħha sakemm dina tiġi attakkata b'suċċess bi prova kuntrarja (ara **Camilleri** *vs* **Abela** *et*, Appell Kummerċ 03/12/91);

It-*tally sheet* ma ġietx ikkontestata u għalhekk il-Qorti teħodha li rriżulta sodisfaċentement ippruvat li fuq il-vapur kien kollox sew u l-karozza ġiet żbarkata mingħajr ħsara. Min-naħa l-oħra, irriżulta mix-xhieda ta' żewġ persuni, li waqt li l-karozza kienet f'Laboratory Wharf, taħt il-kontroll tal-Cargo Handling, issubiet ħsara li ddeskriva Wilfred Fenech li ra din il-ħsara personalment. Il-Qorti tħoss li din ix-xhieda hija soda biżżejjed biex tirribatti l-presunzjoni naxxenti mill-*gate pass out* u tpoġġi nettament ir-responsabbilità tal-ħsara f'saqajn il-konvenuti Cargo Handling li għandhom iwieġbu għar-risarċiment tad-danni kif talab l-attur *nomine*;

Għaldaqstant il-Qorti, wara li qieset iċ-ċirkostanzi kollha

ta' dan il-każ, taqta' u tiddeċidi billi tilqa' t-talba ta' l-attur *nomine*, tikkundanna lis-soċjetà konvenuta li tħallas *lill-istess* attur *nomine* s-somma ta' Lm65 rappreżentanti ħsara kkawżata fuq karozza Volvo li ġiet impurtata *mill*-assigurat ta' l-attur *nomine* li waslet Malta abbord il-vapur Sloman Record fil-21 ta' Novembru, 1992. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut *nomine* ħlief dawn tad-deċiżjoni in parte tat-23 ta' Mejju, 1996 li għandhom *jibqgħu bla taxxa u bl-imgħaxijiet li jibdew jiddekorru mid-data* ta' din is-sentenza";

Minn dik is-sentenza appellat *il-Cargo Handling Company* Limited, konvenuta f'din il-kawża, permezz ta' rikors ta' l-appell ippreżentat fis-16 ta' Ottubru, 1997 fejn talbet li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata, tiċħad it-talbiet attriċi u tilqa' l-eċċezzjonijiet tagħha, bl-ispejjeż kontra l-atturi appellati;

Għal dan l-appell ġiet ippreżentata risposta mill-atturi appellati fl-14 ta' Novembru, 1997;

Ikkunsidrat:

Essenzjalment, ir-rikors ta' l-appell huwa wieħed twil però l-aggravji tiegħu jiġu kkondensati f'dan li ġej:

Filwaqt illi għamel referenza għal diversi sentenzi ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell, l-appellant jikkritika d-deċiżjoni ta' l-Ewwel Qorti fis-sens illi jsostni illi ma kienx il-każ li jiġi injorat il-kontenut u l-portata tal-*Gate Pass Out* li f'dan il-każ kien *clean*;

Huwa jikkritika ukoll l-Ewwel Qorti li għamlet għażla bejn il-*gate pass out* u t-*tally sheet*;

Huwa jissottometti li skond il-liġi vetturi li ma jiġux irtirati mill-ewwel mill-importatur, jiġu magazzinati fil-beraħ a riskju tal-proprjetarju u li l-istess liġi tipprovdi ukoll għall-eżenzjoni tad-Direttur tal-Portijiet u l-aġenti tiegħu minn responsabbilità bħal dik li qed tiġi addebitata lilhom fil-każ preżenti;

Fl-aħħarnett jissottometti illi l-impjegati stess tas-soċjetà attriċi naqsu milli jaraw li jekk verament kien hemm ħsara, ma joħroġx *gate pass out clean*;

Ikkunsidrat:

Illi ssir referenza mill-ewwel għal sentenza riċenti tal-Qorti ta' l-Appell f'materja ta' *gate pass out* u ċjoè ta' sentenza in re **Causon *vs* Sullivan**, deċiża fid-9 ta' Jannar, 1998, fejn ġiet ribadita l-posizzjoni preċedentement ukoll ritenuta minn din il-Qorti *illi l-gate pass out*, għalkemm *hija prova importanti* f'materji bħal dawk in diżamina, ma tikkostitwixxix prova assoluta u tista' tiġi ribattuta bi provi oħra, purchè ma jkunx hemm negliġenza da parti ta' min seta' jevita li jkun hemm dan id-disgwid u jibqa' inadempjenti;

Din il-Qorti eżaminat is-sentenza appellata u jidhrilha li din hija konċepita u redatta tajjeb ħafna b'mod illi ma tarax kif *l-argumenti u s-sottomissjonijiet ta' l-appellanti jistgħu* jiskossawha;

Infatti, huwa fatt illi l-*joint tally sheet* ma ġietx ikkontestata, huwa fatt illi fit-*tally sheet* id-ditta attriċi ċjoè l-appellati ma għandhomx *say*, huwa fatt illi mit-*tally sheet* ma toħroġ ebda indikazzjoni ta' ħsara kif huwa fatt ukoll illi għalkemm inħarġet *clean* il-*gate pass out*, hemm ix-xhieda ta' *Wilfred Fenech u ta' Vincent Aquilina li ciononostante huma*

kienu rriskontraw brix fuq quddiem u fuq il-*bumper* ta' wara u fuq in-naħa tal-bieb tad-*driver*. Effettivament, però, min kellu x'jaqsam mal-*gate pass out* ma huwa ħadd minn dawn imma huwa P. Spiteri u ma hemm l-ebda indikazzjoni li l-istess persuna huwa xi rappreżentant ta' l-importatur jew xi persuna mpjegata minnu;

F'dawn iċ-ċirkostanzi din il-Qorti bħall-ewwel waħda, tara illi s-sottomissjonijiet ta' l-appellant fir-rigward tal-forza li huwa jippretendi li għandha tingħata lil *gate pass out* huma newtralizzati u ma jistgħux jiġu aċċettati;

Similment, din il-Qorti ma tistax taċċetta l-assolutezza li biha l-appellant jippretendi li hu bil-liġi stess huwa eżenti minn kull responsabbilità. Dan il-punt diġà ġie vestit minn dawn il-Qrati f'diversi okkażjonijiet u dik l-eżenzjoni ta' responsabbilità li hemm ikkontemplata fil-liġi mhijiex l-eżenzjoni li qed jippretendi li għandu l-appellant;

Anqas ma għandu valur l-argument ta' l-appellant li l-magazzinaġġ tal-vetturi huwa a riskju tal-proprjetarju. Indipendentement minn jekk il-proprjetarju għandux riskju jew le ma jfissirx dan illi d-ditta konvenuta hija eżenti b'daqshekk mir-responsabbilità ċivili jekk il-ħsara tiġri waqt li l-oġġett ikun fil-kustodja tagħha;

L-appellant kellu ukoll sottomissjoni oħra rigwardanti l-polza ta' kariku li din il-Qorti mhijiex ser tittrattaha fit-tul għaliex issib ukoll li hija bla valur. Il-fatt, infatti, illi din il-polza tuża l-kliem *in apparent good order and condition* ma jfisser xejn għall-fini ta' din il-kawża u ċertament ma jfissirx illi b'daqshekk id-ditta konvenuta hija eżenti mir-responsabbilità;

Kollox kunsidrat din il-Qorti tara li s-sentenza appellata

hija inEċċepibbli u għalhekk ser tgħaddi biex tikkonfermha;

Għal dawn il-motivi l-appell qed jiġi respint u s-sentenza appellata qed tiġi kkonfermata bl-ispejjeż ta' dan l-appell a kariku ta' l-appellant.